MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-8 ta' April, 2014

Talba Numru. 959/2011

**Renato Micallef**

**Vs**

**Konrad Cassar**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta' Novembru, 2011 fejn l-attur talab li prevja kull dikjarazzjoni necessarja, tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elfejn tmien mija u sitta u tmenin ewro u tmintax-il centezmu (€2,886.18) rapprezentanti danni li huwa sofra fl-incident stradali li sehh fit-3 ta' Settembru, 2010 fit-Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar bi htija tal-konvenut Konrad Cassar. Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali Numru 638/2011 tal-25 ta' Frar, 2011.

Illi l-konvenut wara li gie debitament notifikat ipprezenta risposta fis-7 ta' Dicembru, 2011 fejn eccepixxa illi:-

1. Preliminarjament dan l-Onorabbli Tribunal mhuwiex kompetenti ratione materie u dan stante li t-talba tal-attur kif dedotta ma tikkwalifikax bhala 'money claim' a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi t-talba ghall-hlas trid bilfors tigi preceduta b'indagini dwar htija mill-forum kompetenti;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ebda dannu u/jew ammont ma hu dovut mill-konvenut lill-attur u dan kif jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut ma kellu ebda htija ghall-incident in kwistjoni tant li gie liberat mill-akkuzi kollha nkluz dik ta' hsara minn Qorti ta' kompetenza penali fl-10 ta' Gunju, 2011;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghalkemm proceduri separati, din is-sentenza liberatorja fuq imsemmija hi prova korroborattiva mportanti dwar il-htija o meno u dan kif stabbilit mill-Qorti nostrani;

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Xehed l-attur Renato Micallef li qal illi kien miexi bil-kelb tieghu fil-Qawra, meta wasal fuq iz-zebra crossing ried jaqsam. Hu kien fuq il-bankina n-naha tal-

bahar. Kienet gejja karozza fuq in-naha l-ohra u cioe' Qawra direzzjoni Bugibba u waqfitlu, karozzi minn Bugibba direzzjoni Qawra ma kienux gejjin. X'hin qasam u wasal f'nofs it-triq hass xi haga vicin tieghu u ntlaqat b'mera fil-qadt tieghu. Din il-vettura li laqtitu waqfet xi mija u hamsin metru 'l boghod. Izda d-driver rega saq u telaq. Din il-vettura kienet tajret il-kelb u kissret il-mobile tal-attur. Wara li l-attur pogga u ghadda ftit hin rega ghadda l-vann li tajru izda rega ma waqafx.

Dan ix-xhud qal illi fil-hin tal-incident u cioe' ghal habta tat-8:30pm u kien kwazi dalam u l-karozzi kellhom il-headlamps mixghulin. Qal ukoll illi l-kelb baqa' mejjet fuq il-post. Qal ukoll illi huwa jahdem self employed u dam tlett gimghat barra x-xoghol.

Xehed PS914 Ivan Mifsud li spjega x'intqal lilu wara li sehh il-kaz. Qal ukoll illi mar fuq il-post tal-incident izda sketch ma ghamilx. Qal illi t-triq kellha dawl normali izda bhala post huwa pjuttost mudlam. Qal illi fir-rapport ma nizzilx illi kienet ix-xita.

Xehed ukoll Joe Schiavone mill-MIA li spjega t-temp fil-gurnata tal-incident. Dwar dan xehed ukoll Saviour Zerafa.

Xehed Konrad Cassar, il-konvenut, li spjega li hu jahdem bhala delivery man. Kien fuq in-naha ta' barra tat-triq u kienet ix-xita, u ghalhekk kien hemm iz-zlieq. Spjega li kien telaq mill-post peress illi ra lil attur gej lejh u ma riedx jinqala l-inkwiet u ghalhekk baqa' sejjer l-Ghassa. Qal illi ma kellux speed

qawwi izda peress illi kien iz-zlieq meta ghafas il-break il-karozza telqitlu. Qal ukoll illi l-kelb kien madwar metro ‘l boghod mill-bankina ta’ mal-bahar u cioe’ minn fejn qasam l-attur.

L-attur fost dokumenti li pprezenta, pprezenta prospett ta’ l-ispejjez li qed jitlob l-attur.

It-Tribunal wara li ra d-dokumenti pprezentati, semgha l-partijiet, jikkunsidra illi fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni l-konvenut ma cahadx illi tajjar lil kelb tal-attur tant illi fi kliemu stess jghid “…..zelqitli ftit il-karozza u hadt il-kelb”. Huwa ghalhekk illi t-Tribunal ma hemmx ghalfejn jidhol fil-fond dwar l-incident gialadarba l-konvenut ammetta li tajjar il-kelb u qal ukoll illi dawn qasmu minn fuq iz-zebra crossing.

It-Tribunal ghalhekk huwa tal-fehma li l-incident gie spjegat miz-zewg partijiet u dwar il-kelb ma hemmx kontestazzjoni.

Fir-rigward tad-danni l-ohra t-Tribunal ihoss illi l-attur ma rnexxilux jipprova d-danni li qal li sofra fil-mobile tieghu. Ipprezenta biss ircevuta ta’ mobile gdid mixtri l-ghada tal-incident. Dan ma jippruvax illi inkiser xi mobile waqt l-incident. Ma jinkwadrax il-fatt lanqas illi filwaqt illi l-attur jghid illi dam xahar nieqes mix-xoghol l-ghada tal-incident kien f’sahhtu bizzejjed biex jiehu hsieb ix-xiri tal-mobile. Ghalhekk it-Tribunal mhux konvint illi l-attur sehhlu jipprova la t-telf tal-mobile u lanqas li ntlaqat u sofra telf ta’ income.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' t-talba attrici limitatament ghal ammont ta' sitt mija u hamsin ewro (€650) tal-kelb u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta'  sitt mija u hamsin ewro (€650) lill-attur bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------